KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 9/2023

19 ta' Settembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fis-2 ta' wara nofsinhar.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma Kienx hemm

### ASSENTI:

Ma kienx hemm

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

9.1 <u>Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>

9.1. Ma kellniex.

9.2 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti</u>

9.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 8.23 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

9.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Christopher Bruno u ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop l-minuti ġew approvati unanimament.

<u>Punti mill-Minuti Preċedenti :</u>

9.3 **7.4.2 Tender Bulky**

Id-Deputat Seg Eżek spjega kif f'dawn l-aħħar jien il-board ftiehem li ser jerġa' jiltaqa' fil-ġranet li ġejjin biex issir ir-re evalwazzjoni tal-istess offerta dan wara li ġew infurmati l-bidders kollha li kienu interessati through is-sistema tal-epps.

**7.4.4 Ġnejnet Ziam – Sigurta'**

Is-Sindku spjega bi pjaċir u sodisfazzjon kif il-ftuħ ta' Ġnejnet Ziam sar uffiċjalment nhar il-1 ta' Settembru 2023 wara li ġiet ikkomunikata d-data mill-awtoritajiet ikkonċernati u b'hekk ma setgħetx tiġi diskussa din il-kwistjoni qabel is-seduta tal-lum però l-kunsill kien infurmat informalment ukoll. Is-Sindku spjega l-proċessi burokratiċi li għadda minnhu l-kunsill sal-ġurnata tal-ftuħ ħabba proċeduri legali però finalment il-kunsill wasal biex ikkonkluda dan il-proġett għal benefiċċju tar-residenti. Is-Sindku qal li kien iddiżappuntat f'isem il-kunsill għal mod ta' kif ġew deċiżi l-affarijiet tal-ftuħ ta dan l-istess ġnien wara ħafna komunikazzjonijiet ma' entitajiet differenti biex sa fl-aħħar infetaħ il-ġnien.

Is-Sindku spjega kif mill-ftuħ ta' dan il-ġnien sfortunatament qed ikun hemm ħafna żagħżagħ li sfortunatament ma japprezzaw xejn dan il-ġnien il-ġdid. Il-kusill jaf ukoll illi dawn iż-żgħażagħ jafu bihom ukoll il-'community police', għassa tad-distrett u saħansitra ġieli mar hu jsikket il-din il-'gang'. Ħafna nies ukoll kuntenti immens b'dan il-ġnien però kkonċernati ħafna b'dan l-istess 'gang'.

Is-Sindku żied jgħid illi fil-verità lanqas hu kompitu tiegħu li joħroġ isikket il-dawn it-tfal jew li jkellem il-familjari tagħhom biex isu jirrapurtahom ta' għemilom però saħaq illi jiddispjaċih jara vandaliżmu jsir taħt għajnejna wara dak ix-xogħol kollu li sar biex finalment għandna bandli fil-lokal.

Wara diskussjoni libera, l-kunsill qabel illi l-ħinijiet tal-ftuħ iridu jiġu rregolati skond l-esiġenzi taż-żmenijiet u li l-kunsill irid iżomm sod fejn jidħlu regoli għal użu ta' dan il-ġnien.

## 9.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:

### 1. Open Day f'Villa Portelli

Is-Sindku nforma l-Kunsill illi fl-14 u fil-15 ta' Ottubru fejn ser issir 'open day' organizzata minn naħa tal-Heritage Malta fejn is-Sindku wkoll ippropona illi fl-għeluq tat-30 sena tal-kunsilli lokali fejn ukoll il-kunsilli lokali qed jiġu avviċinati biex isiru attivitajiet relatati fil-lokalitajiet, li din l-attivita' abbinata mat-30 sena tal-kunsilli lokali issir ġewwa Villa Portelli fejn ukoll Heritage Malta laqgħu din it-talba tas-Sindku. Is-Sindku qal illi qed isib koperazzjoni kbira mill-Heritage Malta fejn qed ikun hemm komunikazzjoni frekwenti fuq kif qed isiru l-affarijiet ukoll. Is-Sindku talab ukoll illi apparti tinfetaħ għal pubbliku l-istess Villa Portelli, ikun emm l-involviment tal-għaqdiet tal-lokal biex b'hekk wieħed ikun jista' jara u jesperjenzaw affarijiet abbinati mal-lokal. Is-Sindku talab il-kunsill illi jekk ikun hemm min għandu xi ideat apparti dawn imsemmija javviċinawh fil-ġranet li ġejjin biex b'hekk tiġi inkluża f'din li minn ġurnata ġiet miftuħa fuq open weekend.

Is-Sur Bruno ssuġġerixxa biex it-trasport b'xejn li joffri l-kunsill jaħdem matul dan il-weekend bħala għajnuna għal xi anzjani li jridu jżuru Villa Portelli. Is-Sindku qal illi hemm ukoll il-ħsieb għal Park and Ride. Is-Sur Bruno issuġġerixxa wkoll illi l-blood bank donation unit jiġi għal dan l-open weekend minflok f'Diċembru bħas-soltu meta jinġieb fl-okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara.

### 2. Ċentru għall-Anzjani

Is-Sindku nforma l-kunsill illi miexi sew f'dan is-sit. Fl-aħħar ġranet ġew irranġati wkoll xi teknikajiet li kien hemm bżonn però qed jispera u jara illi f'Ottubru 2023 dan iċ-ċentru jinfetaħ. Is-Sindku qal illi kif beda joqrob iż-żmien tal-ftuħ huwa wkoll ser qed ikun qed jitkellem mal-kunsilliera biex dan mhux jinfetaħ illum u l-għada qisu ma jkunx hemm xi jsir. Huwa qal illi jrid ikun hemm struttura kif suppost ta' ftuħ għal benefiċċju tar-residenti tal-lokal. Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu dan il-post għandu jingħata isem formali. Huwa qasam mal-kunsill żewġ suġġerimenti ta' ismijiet quddiem il-kunsill.

Wara diskussjoni libera fuq jekk għandux jingħata isem dan is-sit li ser jiġi inawgurat aktar tard din is-sena l-kunsill iddeċieda li m'għandux jingħata isem formali minħabba raġunijiet varji fosthom illi għax sar mill-active ageing stess.

### 3. School Grannies

Is-Sindku nforma l-kunsill illi wara li inħarġu l-applikazzjonijiet għal 'school grannies' kien hemm 2 persuni interessati u fil-jiem li għaddew kien hemm ukoll perusna oħra interessata. Saru wkoll laqgħat mal-active ageing fuq din il-kwistjoni biex mal-bidu tas-sena skolastika 2023. Is-Sindku qal ukoll illi fil-jiem li għaddew kellu wkoll laqgħa kordjali ta' introduzzjoni mal-Kap tal-iskola l-ġdida biex ukoll tkun infurmata b'dan il-proġett ġdid li fil-verità kien inbeda mal-kap li kien hemm qabila.

### 4. CCTVs

Is-Sindku nforma lill-kunsill dwar skema ġdida maħruġa mir-Reġjun Port fejn kull kunsill membru ser jingħata €6000 biex jiġu utilizzati għal sistemi ta' CCTVs ġodda fil-lokalitajiet rispettivi. Is-Sindku informa illi diġà kienu qed jinġiebu kwotazzjonijiet biex jitweħħlu CCTV cameras ġodda fis-siti imsemmijin hawn taħt:

- Għassieli
- Konvoj Santa Marija
- Supernova Heights
- Triq il-Ġenista

## 9.5 Korrespondenza:

**1 Programm LEADER 2023-29 – GAL XLOKK**

Il-kunsill qabel unanimament illi:

- Għandha titħallas il-miżata biex il-Kunsill Lokali Kalkara jibqa' membru tal-Gal Xlokk
- Għandha tiġi n-nominata s-Sinjura Speranza Chircop formalment bħala rappreżentant f'isem il-kunsill għal Gal Xlokk

**2 Cir Regjun Port 26/2023 Proġett Caritas Malta**

Il-kunsill qabel unanimament illi għandu jkun parteċipi f'din l-inizjattiva u li l-community police għandhom ikunu infurmati u involuti f'dan il-proġett.

**3 Cir Regjun Port 29/2023 Regjun Port - VSA collaboration**

Il-kunsill qabel illi la darba s-Sinjura Speranza Chircop uriet l-interess li tattendi għal din il-laqgħa għandha tintbgħatilha l-email mirċieva mill-kunsill biex tara d-dettalji u tkun tista' tikkonferma minn naħa tagħha.

## 9.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;

### Speranza Chircop

- Ħarġiet Kulturali – Ħarġa Agrikolutrali għax-xahar ta' Ottubru 2023.
- Trasport Pubbliku- Location app fuq l-istages tal-Kalkara biex in-nies ikollom indikazzjoni fejn wasal it-transport pubbliku. Is-Sindku qal illi din hija kwistjoni ta' Transport Malta u mhux tal-istess kunsill biex jieħu ħsieb u li jekk xi ħadd ikun irid ikun jaf din l-informazzjoni wieħed jista'

jċempel dak il-ħin u jgħidulu mit-tracking fejn il-karozza tal-linja speċifika fejn tinsab.

- Jum l-Anzjani 2 ta' Ottubru- Infurmat il-kunsill illi ġiet avviċinata minn Esplora fejn talbuwha tieħu ħsieb tgħaqqad grupp għal dan il-Jum fejn ser tittella' attivita' minn naħa tagħhom ġewwa Esplora.
- China Cultural Centre – Infurmat il-kunsill dwar festival li ser ikun qed jiġi organizzat miċ-CCC nhar it-28 ta' Settembru 2023 ġewwa l-Belt Valletta.
- Infurmat il-kunsill illi kienet attendiet għal seminar dwar is-servizz ewropew f'Malta f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara

**9.7 Punti Ġenerali**

**Vincent Bongailas**

1 Żieda ta' Dog Bins fil-lokal

- Is-Sur Bongailas talab biex jitweħħel bin fiż-żona tax-Xewkija kif ukoll man-naħa tax-Xatt fejn issa x-xogħolijet kienu lesti

2 Proġett 'Via Ducts' fil-Bajja ta' Rnella

Is-Sur Bongailas talab informazzjoni fejn wasal dan il-proġett minħabba l-fatt illi n-nies qed jibqgħu jgħumu f'din iż-żona f'periklu kbir.

**9.8 Mistoqsijiet lis-Sindku:**

Ma kienx hemm

**9.9 Mozzjonijiet**

Ara punt 9.1.12

**9.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 9.23

**9.1 12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fl-3:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għas-17 ta' Ottobru 2023 fis-2:00 ta' wara nofsinhar wara proponiment tas-Sur Christopher Bruno u ssekondat mis-Sinjura Speranza Chircop biex is-seduta isir f'dan il-ħin. Il-kumplament tal-kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum ________________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Duncan Hall**
Deputat Seg.Eżekuttiv